MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-13 ta' Marzu, 2013

Numru 1085/2012

Il-Pulizija
(Spettur Maurice Curmi)

vs

Christian Saliba

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 330184(M), akkużat talli f'Settembru 2012 u fix-xhur u s-snin ta' qabel,

1. b'mezzi kontra il-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz jew ta kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża dwar ġrajja kimerika, għamel qligħ ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin

ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), u ċioe' s-somma ta' €3,000, għad-dannu ta' Konrad John Muscat detentur tal-karta ta' l-identita' numru 443371(M), ai termini ta' l-Artikoli 308, 309 u 310 tal-Kodiċi Kriminali, Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi approprja ruħu, billi dawwar bi profit għalih jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li kienet ġiet fdata jew ikkunsinjata lilu taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat u ċioe' s-somma ta' €3,000, għad-dannu ta' Konrad John Muscat detentur tal-karta ta' l-identita' numru 443371(M), ai termini ta' l-Artikoli 293 u 294 tal-Kodiċi Kriminali, Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

3.  sar reċidiv b'sentenza mogħtija mil-Qorti tal-Maġistrati (Malta), datata 26.02.2009, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tiġi mibdula, ai terminu ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali, Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-Liġi, tordna lill-imputat sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, ai termini tal-Artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semghet lill-imputat jirregistra ammissjoni f'din l-ewwel udjenza fl-liema ammissjoni baqa' jinsisti anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Stante din l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tal-imputat issibu hati tal-akkuzi kontra tieghu.

Rat il-verbal tal-lum.

Billi l-ewwel zewg akkuzi huma ghad-eskluzzjoni ta' xulxin.

Rat l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat minn fejn ghandu jirrizulta li fil-kaz hi t-tieni akkuza li treggi.

Semghet lill-parti leza.

Rat l-Artikolu 293 tal-Kap 9.

Tikkundannah sena prigunerija sospiza ghal sentejn bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9. Tapplika kontra l-imputat l-Artikolu 28H tac-citat Kap 9 u tikkundannah ihallas lill-parti leza s-somma ta' €4,500 zmien mhux oltre sitt xhur mill-lum.

Il-Qorti fehmet lill-imputat ir-responsabbilitajiet tieghu skond is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------